RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ottubru 2010

dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom

(2010/635/Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu flimkien mal-Artikolu 106a li jirreferi għall-Artikolu 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkonsultat lill-grupp ta' persuni maħtur skont l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku,

Billi:

(1) L-Artikolu 37 jesiġi li kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'tali dejta ġenerali dwar kull pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv fi kwalunkwe forma li tippermetti lill-Kummissjoni tistabilixxi jekk l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan tistax tirriżulta fil-kontaminazzjoni radjuattiva tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-grupp ta' esperti msemmija fl-Artikolu 31, għandha tagħti l-opinjoni tagħha fi żmien sitt xhur.

(2) Inkisbet esperjenza fl-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 1960 ([1]), 82/181/Euratom ([2]), 91/4/Euratom ([3]) u 1999/829/Euratom ([4]) dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-Trattat.

(3) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Settembru 1988 fil-Kawża 187/87 ([5]), iddeċidiet li l-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi pprovduta b'dejta ġenerali qabel ma l-Istat Membru kkonċernat jagħti l-awtorizzazzjoni għar-rilaxx tal-effluwenti radjuattivi, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' toħroġ l-opinjoni tagħha qabel ma jkunu awtorizzati rilaxxi ta' din ix-xorta ħalli l-opinjoni tal-Kummissjoni tkun tista' tiġi kkunsidrata.

(4) L-Artikolu 37 għandu l-għan li jipprevjeni kwalunkwe possibbiltà ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni, wara li kkonsultat lill-grupp ta' esperti msemmi iktar 'il fuq, ikkunsidrat li r-rimi tal-iskart radjuattiv assoċjat ma' ċerti operazzjonijiet mhuwiex probabbli li jirriżulta fil-kontaminazzjoni radjuattiva ta' Stat Membru ieħor.

(5) F'każijiet eċċezzjonali minħabba informazzjoni riċevuta, il-Kummissjoni tista' titlob li tiġi sottomessa dejta ġenerali għal pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv, li b'xi mod ieħor ġie kkunsidrat li mhuwiex probabbli li jirriżulta fil-kontaminazzjoni radjuattiva ta' Stat Membru ieħor fuq il-bażi ta' din ir-Rakkomandazzjoni; l-opinjoni tal-Kummissjoni għaldaqstant tista' tikkonċerna awtorizzazzjoni li ngħatat fi stadju preċedenti.

(6) Sabiex il-pjanijiet għar-rimi jkunu evalwati b'mod konsistenti, jeħtieġ li jiġi speċifikat liema tipi ta' operazzjonijiet jistgħu jirriżultaw fir-rimi ta' skart radjuattiv, skont it-tifsira tal-Artikolu 37 tat-Trattat, u li għat-tipi differenti ta' operazzjonijiet tiġi speċifikata liema informazzjoni għandha tiġi pprovduta bħala dejta ġenerali.

(7) L-impjanti ta' manifattura tal-karburanti b'ossidi mħallta jipproċessaw ammonti kbar ta' ossidu tal-plutonju. Għandha tkun mitluba sottomissjoni ta' dejta ġenerali għaż-żarmar ta' impjanti ta' din ix-xorta kif diġà huwa l-każ għaż-żarmar tar-reatturi nukleari u tal-impjanti ta' proċessar mill-ġdid.

(8) Operazzjonijiet żgħar li ma jkollhom l-ebda impatt radjoloġiku jew li jkollhom impatt radjoloġiku negliġibbli fi Stati Membri oħra ma għandhomx jitressqu quddiem il-Kummissjoni.

(9) L-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw sottomissjoni integrata għal sit kumpless fejn huwa skedat li jitwettqu bidliet kbar matul perjodu twil ta' żmien, li jinvolvu diversi stadji u li jinkludu t-tħaddim ta' faċilitajiet ġodda u l-kompletezza tal-informazzjoni inklużа fid-dejta ġenerali inizjali għandha tippermetti lill-Kummissjoni twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom u tagħti opinjoni xierqa.

([1]) ĠU 81, 21.12.1960, p. 1893/60.
([2]) ĠU L 83, 29.3.1982, p. 15.
([3]) ĠU L 6, 9.1.1991, p. 16.
([4]) ĠU L 324, 16.12.1999, p. 23.
([5]) Ġabra tal-Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ġabra) [1988] p. 5013.

(10) Minħabba li l-għadd ta' impjanti nukleari eżistenti li dwarhom għadha ma nħarġet l-ebda opinjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 37 tat-Trattat u li jistgħu jkunu suġġetti għal modifikazzjonijiet jew għal operazzjonijiet ta' żarmar, jeħtieġ li jiġi speċifikat liema informazzjoni għandha tiġi pprovduta bħala dejta ġenerali sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-obbligu tagħha mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' ekwità bejn l-installazzjonijiet suġġetti għal modifikazzjonijiet u dawk li mhumiex.

(11) F'każijiet fejn l-esponiment tal-popolazzjoni qrib is-sit ta' interess hija ferm baxxa, din l-informazzjoni tista' tkun biżżejjed għall-valutazzjoni tal-impatt fuq l-Istati Membri l-oħra.

(12) Sabiex issir evalwazzjoni b'mod konsistenti tal-impatt radjoloġiku ta' sitwazzjonijiet aċċidentali fuq Stati Membri oħra, l-informazzjoni mitluba fid-dejta ġenerali dwar rilaxxi mhux ippjanati minn reatturi nukleari u minn impjanti ta' pproċessar mill-ġdid għandha tkun estiża lil hinn mill-aċċidenti ta' referenza għall-aċċidenti li ġew ikkunsidrati biex ikun stabbilit il-pjan ta' emerġenza nazzjonali relatat mas-sit.

(13) Sabiex tiġi ċċarata u limitata l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni relatata mal-ġestjoni ta' qabel ir-rimi tal-iskart radjuattiv u mal-modifikazzjonijiet ta' pjan li dwaru l-Kummissjoni għadha ma ħarġet l-ebda opinjoni, ġew inklużi żewġ annessi ġodda.

(14) L-Istati Membri kollha issa ddikjaraw li se jieqfu milli jarmu fl-ibħra u l-ebda Stat Membru mhuwa biħsiebu jordom l-iskart radjuattiv taħt qiegħ il-baħar,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Ir-"rimi ta' skart radjoattiv", skont it-tifsira tal-Artikolu 37 tat-Trattat, għandu jkopri kwalunkwe rilaxx ippjanat jew aċċidentali ta' sustanzi radjuattivi assoċjati mal-operazzjonijiet elenkati iktar "l isfel, f'forma gassuża, likwida jew solida fl-ambjent:

   (1) it-tħaddim tar-reatturi nukleari (ħlief ir-reatturi tar-riċerka li l-enerġija massima tagħhom ma taqbiżx 1 MW ta' piż kontinwu termali);

   (2) l-ipproċessar mill-ġdid tal-karburant nukleari rradjat;

   (3) it-tħaffir għal, it-tħin u l-konverżjoni tal-uranju u tat-torju;

   (4) l-arrikkiment tal-uranju bl-U-235;

   (5) il-manifattura tal-karburant nukleari;

   (6) il-ħżin tal-karburant nukleari [1] rradjat f'faċilitajiet apposta (ħlief il-ħżin ta' karburant nukleari rradjat f'kontenituri liċenzjati għat-trasport jew għall-ħżin, f'siti nukleari eżistenti);

   (7) l-immaniġġjar u l-ipproċessar ta' sustanzi radjuattivi artifiċjali fuq skala industrijali;

   (8) il-ġestjoni ta' qabel ir-rimi tal-iskart radjuattiv [2] li jirriżulta mill-operazzjonijiet (1) sa (7) u (9);

   (9) iż-żarmar [3] tar-reatturi nukleari, tal-impjanti ta' manifattura tal-karburant b'ossidi mħallta [4] u tal-impjanti ta' pproċessar mill-ġdid (ħlief ir-reatturi tar-riċerka li l-enerġija massima tagħhom ma taqbiżx il-50 MW ta' piż kontinwu termali);

   (10) it-tqegħid tal-iskart radjuattiv fuq jew taħt l-art bl-ebda intenzjoni li jiġi rkuprat;

   (11) l-ipproċessar industrijali ta' materjali radjuattivi li jokkorru b'mod naturali suġġetti għal awtorizzazzjoni għal rilaxx;

   (12) l-operazzjonijiet rilevanti l-oħra kollha.

2. "Dejta ġenerali", skont it-tifsira tal-Artikolu 37 tat-Trattat, għandha tinftiehem bħala li tfisser:

   — għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1 (1) sa (7), l-informazzjoni stabbilita fl-Anness I,

   — għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1 (8), l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II,

   — għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1 (9), l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III,

   — għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1 (10), l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV,

   — għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1 (11), il-partijiet rilevanti tal-informazzjoni stabbilita fl-Anness I (fil-parti l-kbira tal-każijiet it-Taqsimiet 6 u 7 tal-Anness I mhumiex applikabbli).

[1] Sakemm l-operazzjoni ma tkunx inkorporata fi pjan imressaq taħt intestatura oħra.

[2] It-terminu "ġestjoni ta' qabel ir-rimi" jinkludi l-ħżin tal-iskart radjuattiv.

[3] Id-dekummissjonar jinkludi l-proċeduri, l-attivitajiet u l-miżuri tekniċi u amministrattivi kollha li jittieħdu wara l-għeluq finali ta' faċilità u sar-rilaxx tas-sit għal użu mhux ristrett jew għal użu liċenzjat ieħor. Fost dawn l-attivitajiet iż-"żarmar" jinkludi l-iżmuntar, il-qtugħ u d-demolizzjoni ta' komponenti, sistemi u strutturi kkontaminati jew attivati, inkluż l-ippakkjar tagħhom, u t-trasferiment tagħhom 'il boghod mis-sit.

[4] Ossidi tal-uranju u l-plutonju.

3. Għandu jitqies li l-operazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-punt 1(12) probabbilment ma jirriżultawx f'kontaminazzjoni radjuattiva sinifikanti mil-lat tas-saħħa ta' Stat Membru ieħor, sakemm, fi kwalunkwe każ speċifiku, il-Kummissjoni ma titlobx li tiġi pprovduta dejta.

4. Għall-operazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-punt 1(9), is-sottomissjoni tad-dejta ġenerali għandha tkun irregolata mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sottomissjoni ta' dejta ġenerali tkun meħtieġa jekk:

— l-Istat Membru qed jipprevedi liċenzja jew awtorizzazzjoni ġdida għal pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li jkun fi kwalunkwe forma għaż-żarmar, jew

— se jingħata bidu għal żarmar ta' partijiet ikkontaminati jew attivati tal-impjant;

(b) jekk Stat Membru qed jipprevedi li installazzjoni msemmija fil-punt 1 (9), li dwarha għadha ma ngħatat l-ebda opinjoni skont it-termini tal-Artikolu 37 se tiġi żarmata, id-dejta ġenerali għandha tiġi sottomessa fil-forma tal-Anness III;

(c) jekk Stat Membru qed jipprevedi li impjant imsemmi fil-punt 1 (9) li dwaru diġà ngħatat opinjoni skont it-termini tal-Artikolu 37 se jiġi żarmat, id-dejta ġenerali għandha titressaq fil-forma tal-Anness III. Madankollu, fir-rigward tad-deskrizzjoni tas-sit u tal-madwar tagħha, tal-pjanijiet ta' emerġenza u tal-monitoraġġ ambjentali, referenza għad-dejta ġenerali mressqa għall-proċedura preċedenti hija biżżejjed jekk tkun tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni addizzjonali kollha xierqa rigward bidliet possibbli.

5. Jekk Stat Membru qed jipprevedi li se jimmodifika ([1]) pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv, is-sottomissjoni tad-dejta ġenerali għandha tkun irregolata mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk Stat Membru qed jipprevedi li se jimmodifika pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv, li dwaru diġà ngħatat opinjoni skont it-termini tal-Artikolu 37, hija meħtieġa sottomissjoni ta' dejta ġenerali li tinkludi għall-inqas l-informazzjoni stabbilita f'formola standard fl-Anness V jekk il-limiti awtorizzati jew ir-rekwiżiti assoċjati għar-rimi ta' skart radjuattiv ikunu inqas restrittivi milli fil-pjan eżistenti jew jekk jiżdiedu l-konsegwenzi potenzjali tar-rilaxxi mhux ippjanati li jistgħu jsegwu l-aċċident(i) evalwat(i) fil-proċedura tal-għoti tal-liċenzja;

(b) sakemm il-Kummissjoni ma titlobx li tiġi kkomunikata d-dejta ġenerali, mhija meħtieġa l-ebda sottomissjoni ta' dejta ġenerali jekk ma tkun meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni jew liċenzja ġdida;

(c) sakemm il-Kummissjoni ma titlobx li tiġi kkomunikata d-dejta ġenerali, mhija meħtieġa l-ebda sottomissjoni ta' dejta ġenerali jekk:

— il-modifika fil-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv tipprevedi limiti awtorizzati u rekwiżiti assoċjati mhux mibdula jew iktar restrittivi milli fil-pjan eżistenti, u

— il-konsegwenzi potenzjali tar-rilaxxi mhux ippjanati li jistgħu jsegwu l-aċċident(i) ta' referenza evalwat(i) fil-proċedura tal-għoti tal-liċenzja baqgħu l-istess jew naqsu;

(d) fil-każ ta' pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li dwaru għadha ma ngħatat l-ebda opinjoni skont it-termini tal-Artikolu 37, hija meħtieġa sottomissjoni ta' dejta ġenerali sakemm l-Istat Membru ma jipprovdix lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni li turi li l-kundizzjonijiet deskritti fil-qosor fil-punti (b) u (c) ġew issodisfati. Jekk xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix issodisfata, id-dejta ġenerali għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-Anness VI.

6. Id-dejta ġenerali għandha titressaq quddiem il-Kummissjoni:

(a) wara li l-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv ikun ġie stabbilit sew, u kull meta jkun possibbli, sena imma mhux inqas minn sitt xhur:

— qabel mal-awtoritajiet kompetenti jagħtu kwalunkwe awtorizzazzjoni għar-rilaxx ta' skart radjuattiv, u

— qabel il-bidu ta' dawk l-operazzjonijiet li għalihom mhija prevista l-ebda awtorizzazzjoni għar-rilaxx ta' skart radjuattiv;

(b) f'każijiet fejn il-Kummissjoni talbet dejta ġenerali skont il-punt 3, mhux iktar tard minn sitt xhur wara t-talba, minħajr preġudizzju għal kwalunkwe awtorizzazzjoni debitament mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti sakemm ġiet riċevuta t-talba tal-Kummissjoni. Kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija qabel mal-Kummissjoni talbet id-dejta ġenerali għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-opinjoni sussegwenti tal-Kummissjoni.

([1]) Il-modifikazzjonijiet ta' pjan jistgħu jinkludu wkoll il-hidma preparatorja għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1(9).

7. Fejn l-Istati Membri jikkomunikaw sottomissjoni integrata ta' dejta ġenerali għal sit kumpless fejn huwa skedat li jitwettqu bidliet kbar matul perjodi twal ta' żmien, li jinvolvu diversi fażijiet u li jinkludu, fost l-oħrajn, it-tħaddim ta' faċilitajiet ġodda, is-sottomissjoni inizjali għandha tinkludi deskrizzjoni ġenerali kompluta u dettaljata tal-operazzjonijiet ippjanati, li għandha tiġi aġġornata b'sottomissjonijiet sussegwenti f'każ ta' kwalunkwe modifika fil-pjan eżistenti. Fir-rigward tax-xenarji tal-aċċidenti fis-sottomissjoni inizjali, id-dejta ġenerali għandha tinkludi għall-inqas informazzjoni dwar l-ammonti stmati kif ukoll il-forom fiżiċi u kimiċi tar-radjunuklidi preżenti f'kull waħda mill-faċilitajiet fis-sit kif ukoll il-kwantitajiet li preżumibbilment jiġu rilaxxati fil-każ tal-aċċident ikkunsidrat għal kull waħda minn dawk il-faċilitajiet. Id-dejta ġenerali tista' tipprovdi sfond dwar operazzjonijiet tal-imgħoddi u attwali fis-sit, filwaqt li jitqies li l-opinjonijiet tal-Kummissjoni se jkunu relatati biss ma' operazzjonijiet futuri.

8. Peress li s-sottomissjoni ta' pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru rilevanti, dak l-Istat għandu jaċċetta responsabbiltà għall-informazzjoni kollha mressqa quddiem il-Kummissjoni fir-rigward ta' pjan ta' din ix-xorta.

9. Wara li jkun irċieva opinjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-azzjonijiet li qed jipprevedi li jieħu b'reazzjoni għal kwalunkwe rakkomandazzjoni mogħtija fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar pjan għar-rimi.

10. Wara li jkun irċieva opinjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-awtorizzazzjoni għar-rilaxx kif ukoll kwalunkwe emenda sussegwenti għal paragun mal-informazzjoni fid-dejta ġenerali li fuqha kienet ibbażata l-opinjoni tal-Kummissjoni.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Hija tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 99/829/Euratom.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Dejta ġenerali applikabbli għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1(1) sa (7)

Daħla

— preżentazzjoni ġenerali tal-pjan,

— l-istadju preżenti tal-proċedura tal-għoti tal-liċenzja, il-fażijiet ta' kummissjonar previsti.

1. IS-SIT U Ż-ŻONI TA' MADWARU

1.1. **Il-karatteristiċi ġeografiċi, topografiċi u ġeoloġiċi tas-sit u tar-reġjun**

— b'mappa tar-reġjun li turi l-post u l-koordinati ġeografiċi (gradi, minuti) tas-sit,

— bil-karatteristiċi rilevanti tar-reġjun, inklużi l-karatteristiċi ġeoloġiċi,

— bil-post fejn tinsab l-installazzjoni b'rabta ma' installazzjonijiet oħra ta' din ix-xorta, li r-rilaxxi minnhom jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien ma' dawk mill-installazzjoni inkwistjoni,

— bil-post fejn jinsab is-sit b'rabta mal-Istati Membri l-oħra, fejn jingħataw id-distanzi mill-fruntieri u l-konurbazzjonijiet rilevanti, flimkien mal-popolazzjonijiet tagħhom.

1.2. **Is-sismoloġija**

— il-grad ta' attività sismika fir-reġjun; l-attività sismika massima probabbli u r-reżistenza sismika ppjanata tal-installazzjoni.

1.3. **L-idroloġija**

Għal installazzjoni li tinsab qrib medda ta' ilma li tipprovdi mogħdija potenzjali ta' kontaminazzjoni għal Stat Membru ieħor, deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi idroloġiċi xierqa, li jestendu għall-Istat(i) Membru/i l-ieħor/oħra, pereżempju:

— deskrizzjoni fil-qosor tal-mogħdija/mogħdijiet, tributarji, estwarju, astrazzjoni tal-ilma, tal-artijiet li jinsabu fil-baxx li ħafna drabi jiġu mgħarrqa, eċċ.,

— il-flussi tal-ilma medji, massimi u minimi u l-frekwenza tal-okkorrenza tagħhom,

— is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma, il-livelli u l-flussi,

— deskrizzjoni fil-qosor taż-żoni littorali,

— id-direzzjoni u l-forza tal-kurrenti, il-marej, ix-xejriet taċ-ċirkolazzjoni, kemm lokali kif ukoll reġjonali,

— ir-riskju tal-għargħar u l-protezzjoni tal-installazzjoni.

1.4. **Il-meteoroloġija**

Il-klimatoloġija lokali b'distribuzzjonijiet tal-frekwenzi:

— tad-direzzjonijiet u l-veloċitajiet tal-irjieħ,

— tal-intensità u d-dewmien tal-preċipitazzjoni,

— għal kull settur tal-irjieħ, il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni atmosferika, kemm idumu l-inverżjonijiet tat-temperaturi,

— tal-fenomeni estremi tat-temp (pereżempju, trombi tal-arja, maltempati qawwija, ħafna xita, perjodi ta' nixfa).

1.5. **Ir-riżorsi naturali u l-oġġetti tal-ikel**

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— l-użu tal-ilma fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien,

— ir-riżorsi prinċipali tal-ikel fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fi Stati Membri oħra: l-uċuħ tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem, is-sajd u, għar-rilaxxi fil-baħar, id-dejta dwar is-sajd fl-ilmijiet territorjali u ekstraterritorjali,

— is-sistema ta' distribuzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u, b'mod partikolari, l-esportazzjoni lejn Stati Membri oħra mir-reġjuni kkonċernati, sa fejn dawn ikunu relatati mar-riskju ta' esponiment mir-rilaxxi permezz ta' mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti.

1.6. **Attivitajiet oħra qrib is-sit**

— fejn ikun xieraq, il-faċilitajiet nukleari l-oħra u kwalunkwe attività industrijali jew militari perikoluża, it-traffiku fis-superfiċje u fl-ajru, il-katusi, l-imħażen u kwalunkwe fattur ieħor li jista' jkollu influwenza fuq is-sikurezza tal-installazzjoni,

— il-miżuri ta' protezzjoni.

2. L-INSTALLAZZJONI

2.1. **Il-karatteristiċi prinċipali tal-installazzjoni**

— deskrizzjoni fil-qosor tal-installazzjoni,

— it-tip, l-iskop u l-karatteristiċi prinċipali tal-proċessi,

— il-pjan ta' kif inhu mqassam is-sit,

— id-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza.

2.2. **Is-sistemi ta' ventilazzjoni u t-trattament tal-iskart gassuż u l-iskart li jinġarr mal-arja**

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ventilazzjoni, ta' diżintegrazzjoni ta' sustanza f'oħra minħabba radjuattività, ta' filtrazzjoni u ta' rilaxx, f'kundizzjonijiet normali u fil-każ ta' aċċident, inklużi d-dijagrammi tal-flussi

2.3. **It-trattament tal-iskart likwidu**

Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' trattament, tal-kapaċitajiet għall-ħżin u tas-sistemi ta' rilaxx tal-iskart likwidu, inklużi d-dijagrammi tal-flussi

2.4. **It-trattament tal-iskart solidu**

Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' trattament u tal-kapaċitajiet għall-ħżin tal-iskart solidu

2.5. **It-trażżin**

Deskrizzjoni tas-sistemi u tad-dispożizzjonjiet sabiex is-sustanzi radjuattivi jitrażżnu

2.6. **Id-dekummissjonar u ż-żarmar**

— il-perjodu previst ta' tħaddim tal-installazzjoni,

— il-kunsiderazzjoni mogħtija lid-dekummissjonar u liż-żarmar,

— deskrizzjoni ġenerali tad-dispożizzjonijiet regolatorji u amministrattivi għad-dekummissjonar u għaż-żarmar.

3. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LI JINĠARRU MAL-ARJA F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

3.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura fis-seħħ,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi.

3.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali previsti,

— l-oriġini tal-effluwenti radjuattivi, il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżikokimiċi tagħhom,

— il-ġestjoni ta' dawn l-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

3.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— għall-operazzjonijiet elenkati taħt (1) u (2), ir-radjunuklidi prinċipali u l-limiti ta' individwazzjoni assoċjati għandhom għall-inqas jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/2/Euratom [1],

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

3.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Ħlief għall-operazzjonijiet elenkati taħt (1) u (2), jekk il-livelli massimi ta' esponiment vvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment, eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-dożi effettivi fi Stati Membri oħra affettwati [2] jekk jiġu pprovduti d-dożi lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant.

[1] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2003 dwar informazzjoni standardizzata rigward rilaxxi radjuattivi li jinġarru mal-arja u likwidi fl-ambjent minn reatturi tal-enerġija nukleari u impjanti ta' pproċessar mill-ġdid waqt tħaddim normali [traduzzjoni mhux uffiċjali], (ĠU L 2, 6.1.2004, p. 36).

[2] L-Istati Membri affettwati għandhom jintgħażlu billi jiġu kkunsidrati d-distanza mill-installazzjoni, id-direzzjoni tar-riħ għar-rilaxxi tal-effluwenti gassużi u r-rotta tal-mogħdijiet tal-ilma għar-rilaxxi tal-effluwenti likwidi.

3.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— it-tixrid atmosferiku tal-effluwenti,

— id-depożitu fl-art u s-sospensjoni mill-ġdid,

— il-katini alimentari, l-inalazzjoni, l-esponiment estern,...

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

3.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti previsti tar-rilaxxi ċċitati fit-Taqsima 3.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje, għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri affettwati oħra, il-livelli annwali ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

3.5. **Ir-rilaxxi radjuattivi fl-atmosfera minn installazzjonijiet oħra**

Il-proċeduri għall-koordinazzjoni mar-rilaxxi radjuattivi minn installazzjonijiet oħra msemmija fit-tielet inċiż tat-Taqsima 1.1

4. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LIKWIDI F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

4.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura ġenerali involuta,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi.

4.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali previsti,

— l-oriġini tal-effluwenti radjuattivi, il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżikokimiċi tagħhom,

— il-ġestjoni tal-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

4.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— għall-operazzjonijiet elenkati taħt (1) u (2), ir-radjunuklidi prinċipali u l-limiti ta' individwazzjoni assoċjati għandhom għall-inqas jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 2004/2/Euratom,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

4.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Ħlief għall-operazzjonijiet elenkati taħt (1) u (2), jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment, eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-doži effettivi fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti d-doži lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant.

4.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— id-dispersjoni akkwatika tal-effluwenti,

— it-trasferiment tagħhom bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni,

— ktajjen alimentari, inalazzjoni tar-raxx tal-baħar, esponiment estern,...

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

4.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti għar-rilaxxi ċċitati fit-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-ilmijiet tas-superfiċje, fil-punti fejn tali konċentrazzjonijiet ikunu fl-ogħla livell tagħhom, qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

4.5. **Ir-rilaxxi radjuattivi fl-istess ilmijiet riċeventi minn installazzjonijiet oħra**

Il-proċeduri għall-koordinazzjoni mar-rilaxxi minn installazzjonijiet oħra msemmija fit-tielet inċiż tat-Taqsima 1.1

5. IR-RIMI TA' SKART SOLIDU RADJUATTIV MILL-INSTALLAZZJONI

5.1. **L-iskart solidu radjuattiv**

— il-kategoriji tal-iskart solidu radjuattiv u l-ammonti stmati,

— l-ipproċessar u l-ippakkjar,

— l-arranġamenti għal ħżin fis-sit.

5.2. **Ir-riskji radjoloġiċi għall-ambjent**

— il-valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent,

— il-prekawzjonijiet meħuda.

5.3. **L-arranġamenti lil hinn mis-sit għat-trasferiment tal-iskart**

5.4. **Ir-rilaxx ta' materjali mir-rekwiżiti tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza**

— l-istrateġija, il-kriterji u l-proċeduri nazzjonali għar-rilaxx ta' materjali kkontaminati u attivati,

— il-livelli awtorizzati stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti għar-rimi, għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid,

— it-tipi u l-ammonti previsti ta' materjali rilaxxati.

6. IR-RILAXXI MHUX IPPJANATI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI

6.1. **Analiżi tal-aċċidenti ta' oriġini interna u esterna li jistgħu jirriżultaw f'rilaxxi mhux ippjanati ta' sustanzi radjuattivi**

Lista tal-aċċidenti studjati fir-rapport dwar is-sikurezza

6.2. **L-aċċident(i) ta' referenza li tqies/tqiesu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi possibbli fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati**

Barra minn hekk, għall-operazzjonijiet (1) u (2), l-aċċidenti li tqiesu mill-awtoritajiet kompetenti biex ikun stabbilit il-pjan ta' emerġenza nazzjonali relatat mas-sit.

Deskrizzjoni ġenerali tal-aċċident(i) ikkunsidrat(i) u r-raġunijiet għaliex intgħażel/intgħażlu

6.3. **Evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi tal-aċċident(i) ta' referenza u għall-operazzjonijiet (1) u (2), l-aċċident(i) li tqies(u) mill-awtoritajiet kompetenti biex ikun stabbilit il-pjan ta' emerġenza nazzjonali relatat mas-sit**

6.3.1. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi fl-atmosfera

Ħlief għall-operazzjonijiet elenkati taħt (1) u (2), jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati r-rilaxxi fl-atmosfera,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid atmosferiku, id-depożitu fl-art, is-sospensjoni mill-ġdid u t-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati,

— il-konċentrazzjonijiet massimi integrati fiż-żmien tar-radjuattività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje (f'temp niexef u bix-xita) għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u għaż-żoni rilevanti fi Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

6.3.2. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi f'ambjent akkwatiku

Ħlief għall-operazzjonijiet elenkati taħt (1) u (2), jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġi kkalkulat ir-rilaxx likwidu,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid akkwatiku, it-trasferiment bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni, it-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

7. IL-PJANIJIET TA' EMERĠENZA, IL-FTEHIMIET MA' STATI MEMBRI OĦRA

B'rabta mal-emerġenzi radjoloġiċi possibbli li jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra sabiex tkun iffaċilitata l-organizzazzjoni tal-protezzjoni radjoloġika f'dawn l-Istati:

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— il-livelli ta' intervent stabbiliti għat-tipi differenti ta' kontromiżuri,

— l-arranġamenti għall-ippjanar ta' emerġenza, inklużi ż-żoni ta' ppjanar ta' emerġenza adottati għall-installazzjoni,

— l-arranġamenti stabbiliti għall-iskambju bikri ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra, il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali dwar l-informazzjoni transkonfinali, il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll l-assistenza reċiproka,

— l-arranġamenti għall-ittestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza b'referenza partikolari għall-involviment ta' Stati Membri oħra.

8. IL-MONITORAĠĠ AMBJENTALI

— il-monitoraġġ tar-radjazzjoni esterna,

— il-monitoraġġ tas-sustanzi radjuattivi fl-arja, fl-ilma, fil-ħamrija u fil-ktajjen alimentari, irrispettivament minn jekk jitwettaqx mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti.

B'referenza għat-Taqsimiet 3.1 u 4.1 msemmija hawn fuq, il-programmi ta' monitoraġġ kif ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, l-organizzazzjoni, il-forom u l-frekwenza tal-kampjuni, it-tip ta' strumenti tal-monitoraġġ li jintużaw f'ċirkostanzi normali u ta' aċċidenti.

ANNESS II

Dejta ġenerali applikabbli għall-operazzjoni msemmija fil-punt 1(8)

Il-ġestjoni ta' qabel ir-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1(1) sa (7) u (9)

Daħla

— preżentazzjoni ġenerali tal-pjan,

— l-istadju attwali tal-proċedura tal-għoti tal-liċenzji, u

— il-fażijiet ta' kummissjonar previsti.

1. IS-SIT U Ż-ŻONI TA' MADWARU

1.1. **Il-karatteristiċi ġeografiċi, topografiċi u ġeoloġiċi tas-sit u tar-reġjun**

— b'mappa tar-reġjun li turi l-post u l-koordinati ġeografiċi (gradi, minuti) tas-sit,

— bil-karatteristiċi rilevanti tar-reġjun, inklużi l-karatteristiċi ġeoloġiċi,

— bil-post fejn tinsab l-installazzjoni b'rabta ma' installazzjonijiet oħra ta' din ix-xorta, li r-rilaxxi minnhom jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien ma' dawk mill-installazzjoni inkwistjoni,

— bil-post fejn jinsab is-sit b'rabta mal-Istati Membri l-oħra, fejn jingħataw id-distanzi mill-fruntieri u l-konurbazzjonijiet rilevanti, flimkien mal-popolazzjonijiet tagħhom.

1.2. **Is-sismoloġija**

— il-grad ta' attività sismika fir-reġjun; l-attività sismika massima probabbli u r-reżistenza sismika ppjanata tal-installazzjoni.

1.3. **L-idroloġija**

Għal installazzjoni li tinsab qrib medda ta' ilma li tipprovdi mogħdija potenzjali ta' kontaminazzjoni għal Stat Membru ieħor, deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi idroloġiċi xierqa, li jestendu għall-Istat(i) Membru/i l-ieħor/oħra, pereżempju:

— deskrizzjoni fil-qosor tal-mogħdija/mogħdijiet, tributarji, estwarju, astrazzjoni tal-ilma, tal-artijiet li jinsabu fil-baxx li ħafna drabi jiġu mgħarrqa, eċċ.,

— il-flussi tal-ilma medji, massimi u minimi u l-frekwenza tal-okkorrenza tagħhom,

— is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma, il-livelli u l-flussi,

— deskrizzjoni fil-qosor taż-żoni littorali,

— id-direzzjoni u l-forza tal-kurrenti, il-marej, ix-xejriet taċ-ċirkolazzjoni, kemm lokali kif ukoll reġjonali,

— ir-riskju tal-għargħar u l-protezzjoni tal-installazzjoni.

1.4. **Il-meteoroloġija**

Il-klimatoloġija lokali b'distribuzzjonijiet tal-frekwenzi:

— tad-direzzjonijiet u l-veloċitajiet tal-irjieħ,

— tal-intensità u d-dewmien tal-preċipitazzjoni,

— għal kull settur tal-irjieħ, il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni atmosferika, kemm idumu l-inverżjonijiet tat-temperaturi,

— tal-fenomeni estremi tat-temp (pereżempju, trombi tal-arja, maltempati qawwija, ħafna xita, perjodi ta' nixfa).

1.5. **Ir-riżorsi naturali u l-oġġetti tal-ikel**

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— l-użu tal-ilma fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien,

— ir-riżorsi prinċipali tal-ikel fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fi Stati Membri oħra: l-uċuħ tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem, is-sajd u, għar-rilaxxi fil-baħar, id-dejta dwar is-sajd fl-ilmijiet territorjali u ekstraterritorjali,

— is-sistema ta' distribuzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u, b'mod partikolari, l-esportazzjoni lejn Stati Membri oħra mir-reġjuni kkonċernati, sa fejn dawn ikunu relatati mar-riskju ta' esponiment mir-rilaxxi permezz ta' mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti.

1.6. **Attivitajiet oħra qrib is-sit**

— fejn ikun xieraq, il-faċilitajiet nukleari l-oħra u kwalunkwe attività industrijali jew militari perikoluża, it-traffiku fis-superfiċje u fl-ajru, il-katusi, l-imħażen u kwalunkwe fattur ieħor li jista' jkollu influwenza fuq is-sikurezza tal-installazzjoni,

— il-miżuri ta' protezzjoni.

2. L-INSTALLAZZJONI

2.1. **Il-karatteristiċi prinċipali tal-installazzjoni**

— deskrizzjoni fil-qosor tal-installazzjoni,

— it-tip, l-iskop u l-karatteristiċi prinċipali tal-proċessi,

— deskrizzjoni tal-iskart radjuattiv li għandu jiġi riċevut għall-ħżin u għall-ipproċessar, il-faċilitajiet u l-kapaċitajiet għall-ħżin, il-kategoriji u t-tipi ta' skart radjuattiv (pereżempju, skart ta' livell baxx jew intermedju, metalliku, kombustibbli) li għandhom jinħażnu u jiġu pproċessati, inklużi l-volumi u l-kontenut ta' radjonuklidi,

— il-pjan ta' kif inhu mqassam is-sit,

— id-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza.

2.2. **Is-sistemi ta' ventilazzjoni u t-trattament tal-iskart gassuż u l-iskart li jinġarr mal-arja**

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ventilazzjoni, ta' diżintegrazzjoni ta' sustanza f'oħra minħabba radjuattività, ta' fil-trazzjoni u ta' rilaxx, f'kundizzjonijiet normali u fil-każ ta' aċċident, inklużi d-dijagrammi tal-flussi

2.3. **It-trattament tal-iskart likwidu**

Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' trattament, tal-kapaċitajiet għall-ħżin u tas-sistemi ta' rilaxx tal-iskart likwidu sekondarju, inklużi d-dijagrammi tal-flussi

2.4. **It-trattament tal-iskart solidu**

Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' trattament u tal-kapaċitajiet għall-ħżin tal-iskart solidu sekondarju

2.5. **It-trażżin**

Deskrizzjoni tas-sistemi u tad-dispożizzjonjiet sabiex is-sustanzi radjuattivi jitrażżnu

2.6. **Id-dekummissjonar u ż-żarmar**

— il-perjodu previst ta' tħaddim tal-installazzjoni,

— il-kunsiderazzjoni mogħtija lid-dekummissjonar u liż-żarmar,

— deskrizzjoni ġenerali tad-dispożizzjonijiet regolatorji u amministrattivi għad-dekummissjonar u għaż-żarmar.

3. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LI JINĠARRU MAL-ARJA F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

3.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura fis-seħħ,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi.

3.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali mistennija,

— l-oriġini tal-effluwenti radjuattivi, il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżikokimiċi tagħhom,

— il-ġestjoni ta' dawn l-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

3.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

3.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment, eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-doża effettivi fi Stati Membri oħra affettwati [1] *jekk jiġu pprovduti d-doża lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant.*

3.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— it-tixrid atmosferiku tal-effluwenti,

— id-depożitu fl-art u s-sospensjoni mill-ġdid,

— il-ktajjen alimentari, l-inalazzjoni, l-esponiment estern, …

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

3.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti previsti għar-rilaxxi ċċitati fit-Taqsima 3.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje, għall-iktar żoni esposti qrib l-installazzjoni u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri affettwati oħra, il-livelli annwali ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

3.5. **Ir-rilaxxi radjuattivi fl-atmosfera minn installazzjonijiet oħra**

Il-proċeduri għall-koordinazzjoni mar-rilaxxi radjuattivi minn installazzjonijiet oħra msemmija fit-tielet inċiż tat-Taqsima 1.1

4. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LIKWIDI F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

4.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura ġenerali involuta,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet, inklużа l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi.

4.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali mistennija,

— l-oriġini tal-effluwenti radjuattivi, il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżikokimiċi tagħhom,

— il-ġestjoni tal-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

4.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

4.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-doża effettivi fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti d-doża lill-gruppi ta' referenza qrib l-impjant.

[1] L-Istati Membri affettwati għandhom jintgħażlu billi jiġu kkunsidrati d-distanza mill-installazzjoni, id-direzzjoni tar-riħ għar-rilaxxi tal-effluwenti gassużi u r-rotta tal-mogħdijiet tal-ilma għar-rilaxxi tal-effluwenti likwidi.

4.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— id-dispersjoni akkwatika tal-effluwenti,

— it-trasferiment tagħhom bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni,

— ktajjen alimentari, inalazzjoni tar-raxx tal-baħar, esponiment estern, …

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

4.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti għar-rilaxxi ċċitati fit-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-ilmijiet tas-superfiċje, fil-punti fejn tali konċentrazzjonijiet ikunu fl-ogħla livell tagħhom, qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

4.5. **Ir-rilaxxi radjuattivi fl-istess ilmijiet riċeventi minn installazzjonijiet oħra**

Il-proċeduri għall-koordinazzjoni mar-rilaxxi minn installazzjonijiet oħra msemmija fit-tielet inċiż tat-Taqsima 1.1

5. IR-RIMI TA' SKART SOLIDU RADJUATTIV MILL-INSTALLAZZJONI

5.1. **L-iskart solidu radjuattiv**

— il-kategoriji tal-iskart solidu radjuattiv u l-ammonti stmati,

— l-ipproċessar u l-ippakkjar,

— l-arranġamenti għal ħżin fis-sit.

5.2. **Ir-riskji radjoloġiċi għall-ambjent**

— il-valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent,

— il-prekawzjonijiet meħuda.

5.3. **L-arranġamenti lil hinn mis-sit għat-trasferiment tal-iskart**

5.4. **Ir-rilaxx ta' materjali mir-rekwiżiti tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza**

— l-istrateġija, il-kriterji u l-proċeduri nazzjonali għar-rilaxx ta' materjali kkontaminati u attivati,

— il-livelli awtorizzati stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti għar-rimi, għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid,

— it-tipi u l-ammonti previsti ta' materjali rilaxxati.

6. IR-RILAXXI MHUX IPPJANATI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI

6.1. **Analiżi tal-aċċidenti ta' oriġini interna u esterna li jistgħu jirriżultaw f'rilaxxi mhux ippjanati ta' sustanzi radjuattivi**

Lista tal-aċċidenti studjati fir-rapport dwar is-sikurezza

6.2. **L-aċċident(i) ta' referenza li tqies/tqiesu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi possibbli fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati**

Deskrizzjoni ġenerali tal-aċċident(i) ikkunsidrat(i) u r-raġunijiet għaliex intgħażel/intgħażlu

6.3. **Evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi tal-aċċident(i) ta' referenza**

6.3.1. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi fl-atmosfera

Jekk il-livelli massimi ta' esponmenti ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati r-rilaxxi fl-atmosfera,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid atmosferiku, id-depożitu fl-art, is-sospensjoni mill-ġdid u t-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati,

— il-konċentrazzjonijiet massimi integrati fiż-żmien tar-radjuattività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje (f'temp niexef u bix-xita) għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u għaż-żoni rilevanti fi Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

6.3.2. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi f'ambjent akkwatiku

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġi kkalkulat ir-rilaxx likwidu,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid akkwatiku, it-trasferiment bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni, it-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

7. IL-PJANIJIET TA' EMERĠENZA, IL-FTEHIMIET MA' STATI MEMBRI OĦRA

B'rabta mal-emerġenzi radjoloġiċi possibbli li jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra sabiex tkun iffaċilitata l-organizzazzjoni tal-protezzjoni radjoloġika f'dawn l-Istati:

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— il-livelli ta' intervent stabbiliti għat-tipi differenti ta' kontromiżuri,

— l-arranġamenti għall-ippjanar ta' emerġenza, inklużi ż-żoni ta' ppjanar ta' emerġenza adottati għall-installazzjoni,

— l-arranġamenti stabbiliti għall-iskambju bikri ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra, il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali dwar l-informazzjoni transkonfinali, il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll l-assistenza reċiproka,

— l-arranġamenti għall-ittestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza b'referenza partikolari għall-involviment ta' Stati Membri oħra.

8. IL-MONITORAĠĠ AMBJENTALI

— il-monitoraġġ tar-radjazzjoni esterna,

— il-monitoraġġ tas-sustanzi radjuattivi fl-arja, fl-ilma, fil-ħamrija u fil-ktajjen alimentari, irrispettivament minn jekk jitwettaqx mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti.

B'referenza għat-Taqsimiet 3.1 u 4.1 imsemmija hawn fuq, il-programmi ta' monitoraġġ kif ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, l-organizzazzjoni, il-forom u l-frekwenza tal-kampjuni, it-tip ta' strumenti tal-monitoraġġ li jintużaw f'ċirkostanzi normali u ta' aċċidenti.

ANNESS III

Dejta ġenerali applikabbli għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1(9)

Iż-żarmar tar-reatturi nukleari, tal-impjanti ta' manifattura tal-karburant b'ossidi mħallta u tal-impjanti ta' pproċessar mill-ġdid (ħlief ir-reatturi tar-riċerka li l-enerġija massima tagħhom ma taqbiżx il-50 MW ta' piż kontinwu termali)

Daħla

— preżentazzjoni ġenerali tal-pjan,

— deskrizzjoni tal-fażijiet differenti ta' dekummissjonar u ta' żarmar previsti,

— il-proċeduri tal-għoti tal-liċenzji għad-dekummissjonar u għaż-żarmar.

1. IS-SIT U Ż-ŻONI TA' MADWARU

1.1. **Il-karatteristiċi ġeografiċi, topografiċi u ġeoloġiċi tas-sit u tar-reġjun**

— b'mappa tar-reġjun li turi l-post u l-koordinati ġeografiċi (gradi, minuti) tas-sit,

— bil-karatteristiċi rilevanti tar-reġjun, inklużi l-karatteristiċi ġeoloġiċi,

— bil-post fejn tinsab l-installazzjoni b'rabta mal-installazzjonijiet ta' din ix-xorta, li r-rilaxxi minnhom jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien ma' dawk mill-installazzjoni inkwistjoni,

— bil-post fejn jinsab is-sit b'rabta mal-Istati Membri l-oħra, fejn jingħataw id-distanzi mill-fruntieri u l-konurbazzjonijiet rilevanti, flimkien mal-popolazzjonijiet tagħhom.

1.2. **L-idroloġija**

Għal installazzjoni li tinsab qrib medda ta' ilma li tipprovdi mogħdija potenzjali ta' kontaminazzjoni għal Stat Membru ieħor, deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi idroloġiċi xierqa, li jestendu għall-Istat(i) Membru/i l-ieħor/oħra, pereżempju:

— deskrizzjoni fil-qosor tal-mogħdija/mogħdijiet, tributarji, estwarju, astrazzjoni tal-ilma, tal-artijiet li jinsabu fil-baxx li ħafna drabi jiġu mgħarrqa, eċċ.,

— il-flussi tal-ilma medji, massimi u minimi u l-frekwenza tal-okkorrenza tagħhom,

— is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma, il-livelli u l-flussi,

— deskrizzjoni fil-qosor taż-żoni littorali,

— id-direzzjoni u l-forza tal-kurrenti, il-marej, ix-xejriet taċ-ċirkolazzjoni, kemm lokali kif ukoll reġjonali,

— ir-riskju tal-għargħar u l-protezzjoni tal-installazzjoni.

1.3. **Il-meteoroloġija**

Il-klimatoloġija lokali b'distribuzzjonijiet tal-frekwenzi:

— tad-direzzjonijiet u l-veloċitajiet tal-irjieħ,

— tal-intensità u d-dewmien tal-preċipitazzjoni,

— għal kull settur tal-irjieħ, il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni atmosferika, kemm idumu l-inverżjonijiet tat-temperaturi,

— tal-fenomeni estremi tat-temp (pereżempju, trombi tal-arja, maltempati qawwija, ħafna xita, perjodi ta' nixfa).

1.4. **Ir-riżorsi naturali u l-oġġetti tal-ikel**

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— l-użu tal-ilma fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien,

— ir-riżorsi prinċipali tal-ikel fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fi Stati Membri oħra: l-uċuħ tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem, is-sajd u, għar-rilaxxi fil-baħar, id-dejta dwar is-sajd fl-ilmijiet territorjali u ekstraterritorjali,

— is-sistema ta' distribuzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u, b'mod partikolari, l-esportazzjoni lejn Stati Membri oħra mir-reġjuni kkonċernati, sa fejn dawn ikunu relatati mar-riskju ta' esponiment mir-rilaxxi permezz ta' mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti.

2. L-INSTALLAZZJONI

2.1. **Deskrizzjoni fil-qosor u l-istorja tal-installazzjoni li għandha tiġi żarmata**

2.2. **Is-sistemi ta' ventilazzjoni u t-trattament tal-iskart gassuż u l-iskart li jinġarr mal-arja**

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ventilazzjoni, ta' diżintegrazzjoni ta' sustanza f'oħra minħabba radjuattività, ta' filtrazzjoni u ta' rilaxx waqt iż-żarmar f'kundizzjonijiet normali u f'każ ta' aċċident, inklużi d-dijagrammi tal-flussi

2.3. **It-trattament tal-iskart likwidu**

Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' trattament tal-iskart likwidu waqt iż-żarmar kif ukoll tal-kapaċitajiet għall-ħżin u tas-sistemi ta' rilaxx tal-iskart likwidu, inklużi d-dijagrammi tal-flussi

2.4. **It-trattament tal-iskart solidu**

Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' trattament u tal-kapaċitajiet għall-ħżin tal-iskart solidu fis-sit waqt iż-żarmar

2.5. **It-trażżin**

Deskrizzjoni tas-sistemi u tad-dispożizzjonijiet sabiex is-sustanzi radjuattivi jitrażżnu

3. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LI JINĠARRU MAL-ARJA F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

3.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura fis-seħħ,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet għall-operazzjonijiet ta' żarmar, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi,

— għall-paragun: il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati fis-seħħ għaż-żmien ta' qabel l-operazzjonijiet previsti ta' żarmar, inkluża l-kompożizzjoni tar-radjonuklidi.

3.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali mistennija waqt iż-żarmar,

— l-oriġini tal-effluwenti radjuattivi, il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżikokimiċi tagħhom,

— il-ġestjoni ta' dawn l-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

3.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

3.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment, eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-doża effettivi fi Stati Membri oħra affettwati [1] *jekk jiġu pprovduti d-doża lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant.*

3.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— it-tixrid atmosferiku tal-effluwenti,

— id-depożitu fl-art u s-sospensjoni mill-ġdid,

— il-ktajjen alimentari, l-inalazzjoni, l-esponiment estern, …

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

[1] L-Istati Membri affettwati għandhom jintgħażlu billi jiġu kkunsidrati d-distanza mill-installazzjoni, id-direzzjoni tar-riħ għar-rilaxxi tal-effluwenti gassużi u r-rotta tal-mogħdijiet tal-ilma għar-rilaxxi tal-effluwenti likwidi.

3.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti previsti għar-rilaxxi għall-operazzjonijiet ta' żarmar iċċitati fit-Taqsima 3.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje, għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri affettwati oħra, il-livelli annwali ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

4. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LIKWIDI F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

4.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura ġenerali involuta,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet għall-operazzjonijiet ta' żarmar, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi,

— għall-paragun: il-limiti u r-rekwiżiti assoċjati għar-rilaxxi fis-seħħ qabel l-operazzjonijiet previsti ta' żarmar, inkluża l-kompożizzjoni tar-radjonuklidi.

4.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali mistennija waqt iż-żarmar,

— l-oriġini tal-effluwenti radjuattivi, il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżikokimiċi tagħhom,

— il-ġestjoni tal-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

4.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

4.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment, eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-dożi effettivi fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti d-dożi lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant

4.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— id-dispersjoni akkwatika tal-effluwenti,

— it-trasferiment tagħhom bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni,

— ktajjen alimentari, inalazzjoni tar-raxx tal-baħar, esponiment estern, …

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

4.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti previsti għar-rilaxxi għall-operazzjonijiet ta' żarmar iċċitati fit-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-ilmijiet tas-superfiċje, fil-punti fejn tali konċentrazzjonijiet ikunu fl-ogħla livell tagħhom, qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri affettwati oħra, il-livelli annwali ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

5. IR-RIMI TA' SKART SOLIDU RADJUATTIV MILL-INSTALLAZZJONI

5.1. **L-iskart solidu radjuattiv**

— il-kategoriji tal-iskart solidu radjuattiv u l-ammonti stmati,

— l-ipproċessar u l-ippakkjar,

— l-arranġamenti għal ħżin fis-sit.

5.2. **Ir-riskji radjoloġiċi għall-ambjent**

— il-valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent,

— il-prekawzjonijiet meħuda.

5.3. **L-arranġamenti lil hinn mis-sit għat-trasferiment tal-iskart**

5.4. **Ir-rilaxx ta' materjali mir-rekwiżiti tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza**

— l-istrateġija, il-kriterji u l-proċeduri nazzjonali għar-rilaxx ta' materjali kkontaminati u attivati,

— il-livelli awtorizzati stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti għar-rimi, għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid,

— it-tipi u l-ammonti previsti ta' materjali rilaxxati.

6. IR-RILAXXI MHUX IPPJANATI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI

6.1. **Analiżi tal-aċċidenti ta' oriġini interna u esterna li jistgħu jirriżultaw f'rilaxxi mhux ippjanati ta' sustanzi radjuattivi**

Lista tal-aċċidenti studjati fir-rapport dwar is-sikurezza

6.2. **L-aċċident(i) ta' referenza li tqies/tqiesu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi possibbli fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati**

Deskrizzjoni ġenerali tal-aċċident(i) ikkunsidrat(i) u r-raġunijiet għaliex intgħażel/intgħażlu

6.3. **Evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi tal-aċċident(i) ta' referenza**

6.3.1. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi fl-atmosfera

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati r-rilaxxi fl-atmosfera,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid atmosferiku, id-depożitu fl-art, is-sospensjoni mill-ġdid u t-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati,

— il-konċentrazzjonijiet massimi integrati fiż-żmien tar-radjuattività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje (f'temp niexef u bix-xita) għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u għaż-żoni rilevanti fi Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

6.3.2. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi f'ambjent akkwatiku

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġi kkalkulat ir-rilaxx likwidu,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid akkwatiku, it-trasferiment bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni, it-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

7. IL-PJANIJIET TA' EMERĠENZA, IL-FTEHIMIET MA' STATI MEMBRI OĦRA

B'rabta mal-emerġenzi radjoloġiċi possibbli li jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra sabiex tkun iffaċilitata l-organizzazzjoni tal-protezzjoni radjoloġika f'dawn l-Istati:

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— il-livelli ta' intervent stabbiliti għat-tipi differenti ta' kontromiżuri,

— l-arranġamenti għall-ippjanar ta' emerġenza, inklużi ż-żoni ta' ppjanar ta' emerġenza adottati għall-installazzjoni,

— l-arranġamenti stabbiliti għall-iskambju bikri ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħrajn, il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali dwar l-informazzjoni transkonfinali, il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll l-assistenza reċiproka,

— l-arranġamenti għall-ittestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza b'referenza partikolari għall-involviment ta' Stati Membri oħra.

Fil-każ tar-reatturi, ma għandha tintalab l-ebda dejta jekk il-karburant nukleari kollu ikun ġie ttrasferit 'il bogħod mis-sit f'faċilità liċenzjata jew f'faċilità ta' ħżin fis-sit, li dwarha diġà ngħatat opinjoni skont it-termini tal-Artikolu 37.

8. IL-MONITORAĠĠ AMBJENTALI

— il-monitoraġġ tar-radjazzjoni esterna,

— il-monitoraġġ tas-sustanzi radjuattivi fl-arja, fl-ilma, fil-ħamrija u fil-ktajjen alimentari, irrispettivament minn jekk jitwettaqx mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti.

B'referenza għat-Taqsimiet 3.1 u 4.1 imsemmija hawn fuq, il-programmi ta' monitoraġġ kif ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, l-organizzazzjoni, il-forom u l-frekwenza tal-kampjuni, it-tip ta' strumenti tal-monitoraġġ li jintużaw f'ċirkostanzi normali u ta' aċċidenti.

ANNESS IV

Dejta ġenerali applikabbli għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 1(10)

It-tqegħid tal-iskart radjuattiv fuq jew taħt l-art bl-ebda intenzjoni li jiġi rkuprat

Daħla

— preżentazzjoni ġenerali tal-pjan għat-tqegħid tal-iskart,

— preżentazzjoni ġenerali tal-maħżen, tat-tip u tal-klassi tal-iskart,

— l-istadju attwali tal-proġett u tal-proċedura tal-għoti tal-liċenzji, l-istadji previsti għall-kummissjonar u għall-għoti tal-liċenzji,

— l-iskala ta' żmien, id-data prevista għall-bidu tal-proġett, il-perjodu operattiv u d-data tal-għeluq.

1. IS-SIT U Ż-ŻONI TA' MADWARU

1.1. **Il-karatteristiċi ġeografiċi, topografiċi u ġeoloġiċi tas-sit u tar-reġjun**

— b'mappa tar-reġjun li turi l-post u l-koordinati ġeografiċi (gradi, minuti) tas-sit,

— bil-karatteristiċi rilevanti tar-reġjun, inklużi l-karatteristiċi ġeoloġiċi,

— il-post fejn jinsab il-maħżen b'rabta ma' installazzjonijiet oħra ta' din ix-xorta, li r-rilaxxi minnhom jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien ma' dawk mill-installazzjoni inkwistjoni,

— il-post fejn jinsab is-sit b'rabta ma' Stati Membri oħra, fejn jingħataw id-distanzi mill-fruntieri u l-eqreb konurbazzjonijiet, flimkien mal-popolazzjonijiet tagħhom,

— il-bidliet antiċipati fil-ġeografija u fit-topografija matul il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-valutazzjoni tal-impatt ta' wara l-għeluq.

1.2. **Il-ġeoloġija u s-sismoloġija**

— l-ambitu ġeoloġiku,

— il-proċessi tettoniċi attivi, it-terremoti storiċi, il-grad ta' attività sismika fir-reġjun; l-attività sismika massima probabbli,

— il-karatteristiċi strutturali u ġeotekniċi tal-ħamrija, il-likwefazzjoni tal-ħamrija (*kif ikun xieraq*),

— il-proċessi tas-superfiċje (uqigħ ta' massa ta' materjal imżerżaq għal isfel minn ġenb muntanja u erożjoni) [a],

— il-bidliet antiċipati fil-ġeoloġija matul il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-valutazzjoni tal-impatt ta' wara l-għeluq.

1.3. **L-idroloġija u l-idroġeoloġija**

Deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi idroloġiċi li jipprovdu mogħdija potenzjali ta' kontaminazzjoni għal Stat Membru ieħor:

— is-saffi reġjonali u lokali li taħthom l-art hija saturata bl-ilma u l-varjazzjonijiet staġjonali tagħhom,

— id-direzzjoni u l-veloċità tal-fluss tal-ilma ta' taħt l-art, il-punti ta' rilaxx u ta' estrazzjoni tal-ilma,

— l-utenti prinċipali u mbassra tal-ilma eżistenti, il-post fejn jinsab il-maħżen fir-rigward ta' akwifers potenzjali tal-ilma tajjeb għax-xorb,

— deskrizzjoni fil-qosor tal-korpi tal-ilma tas-superfiċje (xmajjar, lagi, estwarju, estrazzjoni tal-ilma, artijiet li jinsabu fil-baxx li ħafna drabi jiġu mgħarrqa, eċċ.) u taż-żoni littorali (*kif ikun xieraq*),

— il-flussi tal-ilma medji, massimi u minimi u l-frekwenza tagħhom (*kif ikun xieraq*),

— il-kompożizzjoni kimika tal-ilma ta' taħt l-art,

— ir-riskju tal-għargħar u l-protezzjoni tal-installazzjoni (*kif ikun xieraq*),

— il-bidliet antiċipati fl-idroloġija, fl-idroġeoloġija matul il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-valutazzjoni tal-impatt ta' wara l-għeluq.

1.4. **Il-meteoroloġija u l-klima**

Deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi klimatiċi u meteoroloġiċi:

— tad-direzzjonijiet u l-veloċitajiet tal-irjieħ,

— tal-intensità tal-preċipitazzjoni tax-xita u tas-silġ u kemm idumu neżlin,

— it-temperatura (medja, minima u massima),

— il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni atmosferika,

— il-fenomeni estremi tat-temp (pereżempju, trombi tal-arja, maltempati qawwija, ħafna xita, perjodi ta' nixfa) [a],

— il-bidliet antiċipati fil-klima (pereżempju, l-effetti glaċjali, l-impatt potenzjali tat-tisħin globali) u, għas-siti kostali, il-bidliet fil-livelli tal-ibħra u l-erożjoni kostali matul il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-valutazzjoni tal-impatt ta' wara l-għeluq.

1.5. **Ir-riżorsi naturali u l-oġġetti tal-ikel**

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— l-użu tal-ilma fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien,

— ir-riżorsi prinċipali tal-ikel fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fi Stati Membri oħra: l-uċuħ tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem, is-sajd u, għar-rilaxxi fil-baħar, id-dejta dwar is-sajd fl-ilmijiet territorjali u ekstraterritorjali,

— is-sistema ta' distribuzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u, b'mod partikolari, l-esportazzjoni lejn Stati Membri oħra mir-reġjuni kkonċernati, sa fejn dawn ikunu relatati mar-riskju ta' esponiment mir-rilaxxi permezz ta' mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti,

— is-suppożizzjonijiet li saru dwar ix-xejriet fil-popolazzjoni, id-drawwiet u s-sorsi tal-ikel futuri.

1.6. **Attivitajiet oħrajn qrib is-sit**

— fejn ikun xieraq, il-faċilitajiet nukleari l-oħra u kwalunkwe attività industrijali jew militari perikoluża, it-traffiku fis-superfiċje u fl-ajru, il-katusi, l-imħażen u kwalunkwe fattur ieħor li jista' jkollu influwenza fuq is-sikurezza tal-installazzjoni,

— il-miżuri ta' protezzjoni (*kif ikun xieraq*),

— l-evoluzzjoni antiċipata tal-attivitajiet matul il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-valutazzjoni tal-impatt fit-tul.

2. IL-MAĦŻEN

2.1. **L-approċċ u d-disinn kunċettwali**

— il-kunċett tar-rimi,

— il-fond u l-post b'rabta mal-istrati ġeoloġiċi (*kif ikun xieraq*) [b]

— il-kriterji tad-disinn għall-fenomeni naturali,

— il-metodi ta' tqegħid tal-iskart, l-istrateġija u l-metodi biex jitgħatta fejn sar it-tħaffir (backfill) u ta' siġillar,

— l-approċċ għas-sikurezza: ir-rwol tal-barrieri ġeografiċi u dawk imbnija permezz tal-inġinerija,

— l-għeluq tal-maħżen,

— l-approċċ għall-possibbiltà ta' rkurpu tal-iskart (*jekk ikun applikabbli*),

— it-trattament awżiljarju tal-iskart, il-faċilitajiet ta' kundizzjonar u ta' ħżin temporanju (buffer storage) li għandhom jinbnew fis-sit tal-maħżen.

2.2. **L-iskart li għandu jintrema fil-maħżen**

— it-tipi ta' skart,

— il-forma tal-iskart, il-metodi ta' kundizzjonar applikati u l-karatteristiċi tal-pakketti tal-iskart (*kif ikun xieraq*),

— l-inventarju tal-iskart, l-ammonti u l-attivitajiet tar-radjonuklidi,

— il-ġenerazzjoni potenzjali tas-sħana, il-ġenerazzjoni potenzjali tal-gass, il-kritikalità potenzjali (*kif ikun xieraq*),

— ir-rekwiżiti/il-kriterji għall-aċċettazzjoni tal-iskart, il-proċedura għall-verifika tal-pakketti tal-iskart u t-tekniki sabiex tkun żgurata konformità mal-kriterji stabbiliti għall-aċċettazzjoni tal-iskart.

2.3. **Is-sistemi ta' ventilazzjoni u t-trattament tal-iskart gassuż u l-iskart li jinġarr mal-arja**

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ventilazzjoni, ta' filtrazzjoni u ta' rilaxx, f'kundizzjonijiet normali u fil-każ ta' aċċident (*kif ikun xieraq*)

2.4. **Is-sistema ta' drenaġġ u t-trattament tal-effluwenti likwidi**

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġbir, ta' drenaġġ u ta' rilaxx tal-ilma potenzjalment ikkontaminat, f'kundizzjonijiet normali u fil-każ ta' aċċident (*kif ikun xieraq*)

2.5. **Il-ġestjoni ta' skart solidu u likwidu sekondarju f'kundizzjonijiet normali u fil-każ ta' aċċident**

— il-kategoriji ta' skart likwidu u solidu radjuattiv sekondarju u l-ammonti stmati,

— il-ħżin u t-trasport tal-iskart,

— it-trattament tal-iskart.

3. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LI JINĠARRU MAL-ARJA F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

Waqt it-tħaddim normali tal-faċilitajiet tar-rimi tal-iskart huma mistennija biss rilaxxi ferm żgħar ta' sustanzi radjuattivi, jekk ikun hemm, u mhuwiex antiċipat li jkun hemm esponiment sinifikanti tal-membri tal-pubbliku. Għalhekk, din it-taqsima mhijiex applikabbli jekk ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni għal rilaxxi radjuattivi. Madankollu, jekk il-limiti għar-rilaxx tar-radjonuklidi huma preskritti u l-monitoraġġ tar-rilaxxi huwa stabbilit, id-dejta ġenerali għandha titressaq skont ir-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 3 tal-Anness II.

4. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LIKWIDI F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

Waqt it-tħaddim normali tal-faċilitajiet tar-rimi tal-iskart huma mistennija biss rilaxxi ferm żgħar ta' sustanzi radjuattivi, jekk ikun hemm, u mhuwiex antiċipat li jkun hemm esponiment sinifikanti tal-membri tal-pubbliku. Għalhekk, din it-taqsima mhijiex applikabbli jekk ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni għal rilaxxi radjuattivi. Madankollu, jekk il-limiti għar-rilaxx tar-radjonuklidi huma preskritti u l-monitoraġġ tar-rilaxxi huwa stabbilit, id-dejta ġenerali għandha titressaq skont ir-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 4 tal-Anness II.

5. IR-RIMI TA' SKART SOLIDU RADJUATTIV MILL-INSTALLAZZJONI

Normalment din it-taqsima ma tkunx applikabbli.

6. IR-RILAXXI MHUX IPPJANATI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI

6.1. **Eżami tal-aċċidenti ta' oriġini interna u esterna li jistgħu jirriżultaw f'rilaxxi mhux ippjanati ta' sustanzi radjuattivi. L-aċċidenti studjati fir-rapport dwar il-valutazzjoni tas-sikurezza u l-konsegwenzi radjoloġiċi evalwati fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati.**

6.2. **Evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi tar-rilaxxi fl-atmosfera**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati [1] jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati r-rilaxxi fl-atmosfera,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

[1] L-Istati Membri affettwati għandhom jintgħażlu billi jiġu kkunsidrati d-distanza mill-installazzjoni, id-direzzjoni tar-riħ għar-rilaxxi tal-effluwenti gassużi u r-rotta tal-mogħdijiet tal-ilma għar-rilaxxi tal-effluwenti likwidi.

— il-mudelli u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid atmosferiku, id-depożitu fl-art, is-sospensjoni mill-ġdid u t-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati,

— il-konċentrazzjonijiet massimi integrati fiż-żmien tar-radjuattività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje (f'temp niexef u bix-xita) għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u għaż-żoni rilevanti fi Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

6.3. **Evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi tar-rilaxxi f'ambjent akkwatiku**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li jintużaw sabiex jiġi kkalkulat ir-rilaxx likwidu,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid akkwatiku, it-trasferiment bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni, it-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

7. IL-PJANIJIET TA' EMERĠENZA; IL-FTEHIMIET MA' STATI MEMBRI OĦRA

B'rabta mal-emerġenzi radjoloġiċi possibbli li jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra sabiex tkun iffaċilitata l-organizzazzjoni tal-protezzjoni radjoloġika f'dawn l-Istati:

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— il-livelli ta' intervent stabbiliti għat-tipi differenti ta' kontromiżuri,

— l-arranġamenti għall-ippjanar ta' emerġenza, inklużi ż-żoni ta' ppjanar ta' emerġenza adottati għall-installazzjoni,

— l-arranġamenti stabbiliti għall-iskambju bikri ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħrajn, il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali dwar l-informazzjoni transkonfinali, il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll l-assistenza reċiproka,

— l-arranġamenti għall-ittestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza b'referenza partikolari għall-involviment ta' Stati Membri oħra.

8. IL-PERJODU TA' WARA L-GĦELUQ

Il-fażijiet differenti ta' wara l-għeluq (eż. il-fażijiet ta' kontroll istituzzjonali attiv u passiv) għandhom jitqiesu fejn ikun xieraq.

8.1. **Id-dispożizzjonijiet regolatorji u amministrattivi:**

— il-pjanijiet għall-għeluq tal-maħżen,

— il-perjodi ta' żmien ikkunsidrati (il-perjodi ta' kontroll istituzzjonali attiv u passiv),

— deskrizzjoni tal-miżuri previsti għall-perjodu ta' kontroll istituzzjonali attiv,

— deskrizzjoni tal-miżuri previsti għall-perjodu ta' kontroll istituzzjonali passiv,

— iż-żamma tar-reġistri,

— il-programm ta' żarmar għall-installazzjonijiet awżiljarji,

— l-eżamijiet perjodiċi tas-sikurezza qabel l-għeluq.

8.2. **L-impatt radjoloġiku matul il-perjodu ta' wara l-għeluq**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi li jirriżultaw minn evoluzzjoni normali u minn degradazzjoni bikrija tal-barrieri għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-installazzjoni huma inqas minn 1 mSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-dożi effettivi fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti d-dożi lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant.

— il-barrieri żejda u l-prestazzjoni tal-barrieri (jekk ikun rilevanti),

— il-perjodi ta' żmien ikkunsidrati,

— il-karatteristiċi, l-avvenimenti u l-proċessi analizzati, deskrizzjoni tax-xenarji preżunti (deskrizzjonijiet fil-qosor tax-xenarju b'evoluzzjoni normali, tax-xenarji b'evoluzzjoni degradata, u tax-xenarji b'indħil mill-bniedem l-iktar rilevanti),

— il-metodi u t-tekniki li jintużaw għall-valutazzjoni tal-impatt radjoloġiku,

— il-parametri u s-suppożizzjonijiet,

— il-mogħdijiet prinċipali ta' esponiment qrib il-maħżen u Stati Membri oħra affettwati li jirriżultaw minn evoluzzjoni normali u għad-degradazzjoni bikrija tal-barrieri,

— l-attività u ż-żmien magħżul għar-rilaxx tar-radjonuklidi,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-dożi effettivi lil u/jew ir-riskji stmati għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha,

— evalwazzjoni tal-inċertezzi.

9. IL-MONITORAĠĠ AMBJENTALI

— il-monitoraġġ operattiv tar-radjazzjoni esterna u tas-sustanzi radjuattivi fl-arja, fl-ilma, fil-ħamrija u fil-ktajjen alimentari, irrispettivament minn jekk jitwettaqx mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti (il-forom u l-frekwenza tal-kampjuni, it-tip ta' strumenti tal-monitoraġġ li jintużaw f'ċirkostanzi normali u ta' aċċidenti),

— il-linji gwida għall-monitoraġġ ta' wara l-għeluq tas-sustanzi radjuattivi fl-arja, fl-ilma, fil-ħamrija u fil-ktajjen alimentari, irrispettivament minn jekk jitwettaqx mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti [a],

— kwalunwke arranġament ta' kollaborazzjoni mal-Istati Membri ġirien rigward il-monitoraġġ ambjentali.

Noti:

[a] Rilevanti għall-imħażen il-ġodda tas-superfiċje biss.
[b] Rilevanti għall-imħażen ġeoloġiċi biss.

ANNESS V

Dejta ġenerali applikabbli għall-modifikazzjonijiet ta' pjan li dwaru għadha ma ngħatat l-ebda opinjoni

FORMOLA STANDARD

1. L-isem u l-post fejn tinsab il-faċilità kkonċernata:
2. Id-data tal-Opinjoni tal-Kummissjoni:
3. Deskrizzjoni fil-qosor tal-modifikazzjonijiet ippjanati:
4. Il-limiti għar-rilaxxi awtorizzati fil-pjan eżistenti, u kundizzjonijiet rilevanti oħra:

4.1. Effluwenti gassużi:

4.2. Effluwenti likwidi:

4.3. Skart solidu:

5. Il-limiti għar-rilaxxi l-ġodda previsti mill-awtoritajiet, inklużi l-modifikazzjonijiet fil-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi, u kundizzjonijiet rilevanti oħra:

5.1. Effluwenti gassużi:

5.2. Effluwenti likwidi:

5.3. Skart solidu:

6. Il-konsegwenzi tal-limiti tar-rilaxxi l-ġodda u r-rekwiżiti assoċjati (effluwenti gassużi u/jew likwidi) b'rabta mal-evalwazzjoni tal-esponiment tal-popolazzjoni fi Stati Membri oħra:
7. Il-konsegwenzi tal-modifikazzjonijiet b'rabta mar-rimi tal-iskart solidu:
8. Il-konsegwenzi tal-modifikazzjonijiet b'rabta mal-aċċident(i) ta' referenza li tqies/tqiesu fl-opinjoni preċedenti:
9. Fil-każ ta' aċċident(i) ta' referenza ġdid/ġodda: deskrizzjoni u evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi:
10. L-implikazzjonijiet tal-modifikazzjonijiet b'rabta mal-pjanijiet ta' emerġenza attwali u għall-monitoraġġ ambjentali attwali:

ANNESS VI

Dejta ġenerali applikabbli għall-modifikazzjonijiet ta' pjan li dwaru għadha ma ngħatat l-ebda opinjoni

Daħla

— preżentazzjoni ġenerali tal-pjan,

— l-istadju preżenti tal-proċedura tal-għoti tal-liċenzji.

1. IS-SIT U Ż-ŻONI TA' MADWARU

1.1. **Il-karatteristiċi ġeografiċi, topografiċi u ġeoloġiċi tas-sit u tar-reġjun**

— b'mappa tar-reġjun li turi l-post u l-koordinati ġeografiċi (gradi, minuti) tas-sit,

— bil-karatteristiċi rilevanti tar-reġjun, inklużi l-karatteristiċi ġeoloġiċi,

— bil-post fejn tinsab l-installazzjoni b'rabta ma' installazzjonijiet oħra ta' din ix-xorta, li r-rilaxxi minnhom jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien ma' dawk mill-installazzjoni inkwistjoni,

— bil-post fejn jinsab is-sit b'rabta ma' Stati Membri oħra, fejn jingħataw id-distanzi mill-fruntieri u l-eqreb konurbazzjonijiet, flimkien mal-popolazzjonijiet tagħhom,

1.2. **L-idroloġija**

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 1.2 għandha tintalab biss jekk il-modifikazzjoni tar-rilaxxi mill-impjant tal-effluwenti radjuattivi likwidi f'kundizzjonijiet normali tipprevedi limiti awtorizzati jew rekwiżiti assoċjati inqas restrittivi milli fil-pjan eżistenti jew jekk il-konsegwenzi potenzjali tal-aċċident(i) ta' referenza li jinvolvi/u rilaxxi f'ambjent akkwatiku jiżdiedu.

Għal installazzjoni li tinsab qrib korp tal-ilma li jipprovdi mogħdija potenzjali ta' kontaminazzjoni għal Stat Membru ieħor, deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi idroloġiċi xierqa, li jestendu għall-Istat(i) Membru/i l-ieħor/oħra, pereżempju:

— deskrizzjoni fil-qosor tal-mogħdija/mogħdijiet, tributarji, estwarju, astrazzjoni tal-ilma, tal-artijiet li jinsabu fil-baxx li ħafna drabi jiġu mgħarrqa, eċċ.,

— il-flussi tal-ilma medji, massimi u minimi u l-frekwenza tal-okkorrenza tagħhom,

— deskrizzjoni fil-qosor taż-żoni littorali,

— id-direzzjoni u l-forza tal-kurrenti, il-marej, ix-xejriet taċ-ċirkulazzjoni, kemm lokali kif ukoll reġjonali.

1.3. **Il-meteoroloġija**

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 1.3 għandha tintalab biss jekk il-modifikazzjoni tar-rilaxxi mill-impjant tal-effluwenti radjuattivi gassużi f'kundizzjonijiet normali tipprevedi limiti awtorizzati jew rekwiżiti assoċjati inqas restrittivi milli fil-pjan eżistenti jew jekk il-konsegwenzi potenzjali tal-aċċident(i) ta' referenza li jinvolvi/u rilaxxi fl-atmosfera jiżdiedu.

Il-klimatoloġija lokali b'distribuzzjonijiet tal-frekwenzi:

— tad-direzzjonijiet u l-veloċitajiet tal-irjieħ,

— tal-intensità u d-dewmien tal-preċipitazzjoni,

— għal kull settur tal-irjieħ, il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni atmosferika, kemm idumu l-inverżjonijiet tat-temperaturi,

— tal-fenomeni estremi tat-temp (pereżempju, trombi tal-arja, maltempati qawwija, ħafna xita, perjodi ta' nixfa).

1.4. **Ir-riżorsi naturali u l-oġġetti tal-ikel**

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— l-użu tal-ilma fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien,

— ir-riżorsi prinċipali tal-ikel fir-reġjun u, kif ikun xieraq, fi Stati Membri oħra: l-uċuħ tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem, is-sajd, il-kaċċa u, għar-rilaxxi fil-baħar, id-dejta dwar is-sajd fl-ilmijiet territorjali u ekstraterritorjali,

— is-sistema ta' distribuzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u, b'mod partikolari, l-esportazzjoni lejn Stati Membri oħra mir-reġjuni kkonċernati, sa fejn dawn ikunu relatati mar-riskju ta' esponiment mir-rilaxxi permezz ta' mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti.

2. L-INSTALLAZZJONI

— deskrizzjoni fil-qosor tal-installazzjoni,

— it-tip, l-iskop u l-karatteristiċi prinċipali tal-proċessi,

— il-pjan ta' kif inhu mqassam is-sit,

— id-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza,

— it-trattament tal-iskart,

— id-dettalji rilevanti tal-modifikazzjoni.

3. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LI JINĠARRU MAL-ARJA F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 3 għandha tintalab biss jekk il-modifikazzjoni tar-rilaxxi mill-impjant tal-effluwenti radjuattivi gassużi f'kundizzjonijiet normali tipprevedi limiti awtorizzati jew rekwiżiti assoċjati inqas restrittivi milli fil-pjan eżistenti.

3.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura fis-seħħ,

— il-limiti għall-awtorizzazzjoni attwali,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi.

3.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali mistennija,

— il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżiċi u kimiċi tal-effluwenti radjuattivi,

— il-ġestjoni ta' dawn l-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

3.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

3.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment, eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-doża effettivi fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti d-dożi lill-gruppi ta' referenza ta' qrib l-impjant.

3.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-installazzjoni u għal Stati Membri oħra affettwati [1]:

— it-tixrid atmosferiku tal-effluwenti,

— id-depożitu fl-art u s-sospensjoni mill-ġdid,

— il-ktajjen alimentari, l-inalazzjoni, l-esponiment estern,...

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

3.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti previsti għar-rilaxxi ċċitati fit-Taqsima 3.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje, għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri affettwati oħra, il-livelli annwali ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

3.5. **Ir-rilaxxi radjuattivi fl-atmosfera minn installazzjonijiet oħra**

Il-proċeduri għall-koordinazzjoni mar-rilaxxi radjuattivi minn installazzjonijiet oħra msemmija fit-tielet inċiż tat-Taqsima 1.1

4. IR-RILAXX MILL-INSTALLAZZJONI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI LIKWIDI F'KUNDIZZJONIJIET NORMALI

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 4 għandha tintalab biss jekk il-modifikazzjoni tar-rilaxxi mill-impjant tal-effluwenti radjuattivi likwidi f'kundizzjonijiet normali tipprevedi limiti awtorizzati jew rekwiżiti assoċjati inqas restrittivi milli fil-pjan eżistenti.

4.1. **Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fis-seħħ**

— deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura ġenerali involuta,

— il-limiti għall-awtorizzazzjoni attwali,

— il-limiti tar-rilaxxi u r-rekwiżiti assoċjati previsti mill-awtoritajiet, inkluża l-kompożizzjoni preżunta tar-radjonuklidi.

4.2. **L-aspetti tekniċi**

— ir-rilaxxi annwali mistennija,

— il-kompożizzjoni kif ukoll il-forom fiżiċi u kimiċi tal-effluwenti radjuattivi,

— il-ġestjoni tal-effluwenti, il-metodi u l-mogħdijiet ta' rilaxx.

[1] L-Istati Membri affettwati għandhom jintgħażlu billi jiġu kkunsidrati d-distanza mill-installazzjoni, id-direzzjoni tar-riħ għar-rilaxxi tal-effluwenti gassużi u r-rotta tal-mogħdijiet tal-ilma għar-rilaxxi tal-effluwenti likwidi.

4.3. **Il-monitoraġġ tar-rilaxxi**

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

4.4. **Evalwazzjoni tat-trasferiment lill-bniedem**

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mir-rilaxxi f'kundizzjonijiet normali għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 10 μSv fis-sena u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar id-doża effettivi fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti d-dożi lill-gruppi ta' referenza qrib l-impjant.

4.4.1. Il-mudelli, inkluż fejn ikun xieraq il-mudelli ġeneriċi, u l-valuri tal-parametri li jintużaw sabiex jiġu kkalkulati l-konsegwenzi tar-rilaxxi qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati:

— id-dispersjoni akkwatika tal-effluwenti,

— it-trasferiment tagħhom bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni,

— ktajjen alimentari, inalazzjoni tar-raxx tal-baħar, esponiment estern,...

— id-drawwiet tal-għajxien (id-dieta, iż-żmien ta' esponiment, eċċ.),

— valuri ta' parametri oħra li jintużaw fil-kalkoli.

4.4.2. Evalwazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni u ta' esponiment assoċjati mal-limiti għar-rilaxxi ċċitati fit-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq:

— il-konċentrazzjonijiet medji annwali ta' attività fl-ilmijiet tas-superfiċje, fil-punti fejn tali konċentrazzjonijiet ikunu fl-ogħla livell tagħhom, qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati,

— għall-grupp(i) ta' referenza qrib l-impjant u fi Stati Membri oħra affettwati: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

4.5. **Ir-rilaxxi radjuattivi fl-istess ilmijiet riċeventi minn installazzjonijiet oħra**

Il-proċeduri għall-koordinazzjoni mar-rilaxxi minn installazzjonijiet oħra msemmija fit-tielet inċiż tat-Taqsima 1.1

5. IR-RIMI TA' SKART SOLIDU RADJUATTIV MILL-INSTALLAZZJONI

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 5 għandha tintalab biss jekk il-modifikazzjoni tar-rimi mill-impjant tal-iskart solidu radjuattiv f'kundizzjonijiet normali tipprevedi limiti awtorizzati jew rekwiżiti assoċjati inqas restrittivi milli fil-pjan eżistenti.

5.1. **L-iskart solidu radjuattiv**

— il-kategoriji tal-iskart solidu radjuattiv u l-ammonti stmati,

— l-ipproċessar u l-ippakkjar,

— l-arranġamenti għal ħżin fis-sit.

5.2. **Ir-riskji radjoloġiċi għall-ambjent**

— il-valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent,

— il-prekawzjonijiet meħuda.

5.3. **L-arranġamenti lil hinn mis-sit għat-trasferiment tal-iskart**

5.4. **Ir-rilaxx ta' materjali mir-rekwiżiti tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza**

— l-istrateġija, il-kriterji u l-proċeduri nazzjonali għar-rilaxx ta' materjali kkontaminati jew attivati,

— il-livelli awtorizzati stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti għar-rimi, għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid,

— it-tipi u l-ammonti previsti ta' materjali rilaxxati.

6. IR-RILAXXI MHUX IPPJANATI TA' EFFLUWENTI RADJUATTIVI

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 6 għandha tintalab biss jekk il-konsegwenzi potenzjali tal-aċċident(i) ta' referenza jiżdiedu.

6.1. **Analiżi tal-aċċidenti ta' oriġini interna u esterna li jistgħu jirriżultaw f'rilaxxi mhux ippjanati ta' sustanzi radjuattivi**

Lista tal-aċċidenti studjati fir-rapport dwar is-sikurezza

6.2. **L-aċċident(i) ta' referenza li tqies/tqiesu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi possibbli fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati**

Deskrizzjoni ġenerali tal-aċċident(i) ikkunsidrat(i) u r-raġunijiet għaliex intgħażel/intgħażlu

L-impatt tal-modifikazzjoni fuq l-aċċident(i) ta' referenza

6.3. **Evalwazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi tal-aċċident(i) ta' referenza**

6.3.1. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi fl-atmosfera

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 6.3.1 għandha tintalab biss jekk il-konsegwenzi potenzjali tal-aċċident(i) ta' referenza li jipprevedi/u rilaxxi fl-atmosfera jiżdiedu.

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li ntużaw sabiex jiġu kkalkulati r-rilaxxi fl-atmosfera,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-valuri tal-parametri li ntużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid atmosferiku, id-depożitu fl-art, is-sospensjoni mill-ġdid u t-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti qrib l-impjant u għal Stati Membri oħra affettwati,

— il-konċentrazzjonijiet massimi integrati fiż-żmien tar-radjuattività fl-atmosfera qrib l-art u l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni fis-superfiċje (f'temp niexef u bix-xita) għall-iktar żoni esposti qrib l-impjant u għaż-żoni rilevanti fi Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

Jekk ma ġewx sottomessi diġà taħt l-intestatura 3.3:

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

6.3.2. L-aċċidenti li jinvolvu rilaxxi f'ambjent akkwatiku

Id-dejta msemmija f'din it-Taqsima 6.3.2 għandha tintalab biss jekk il-konsegwenzi potenzjali tal-aċċident(i) ta' referenza li jipprevedi/u rilaxxi f'ambjent akkwatiku jiżdiedu.

Jekk il-livelli massimi ta' esponiment ivvalutati mill-aċċident ta' referenza għall-adulti, għat-tfal u għat-trabi qrib l-impjant huma inqas minn 1 mSv u m'hemm l-ebda mogħdija eċċezzjonali ta' esponiment eż. li tinvolvi l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, ma għandha tintalab l-ebda dejta dwar il-livelli ta' esponiment fi Stati Membri oħra affettwati jekk jiġu pprovduti l-livelli ta' esponiment ta' qrib l-impjant.

— is-suppożizzjonijiet li ntużaw sabiex jiġi kkalkulat ir-rilaxx likwidu,

— il-mogħdijiet tar-rilaxxi, ix-xejriet taż-żmien tar-rilaxxi,

— l-ammonti kif ukoll il-forom fiżikokimiċi ta' dawk ir-radjonuklidi rilaxxati li huma sinifikanti mil-lat tas-saħħa,

— il-mudelli u l-parametri li ntużaw sabiex jiġu kkalkulati t-tixrid akkwatiku, it-trasferiment bis-sedimentazzjoni u bl-iskambju tal-joni, it-trasferiment permezz tal-ktajjen alimentari tar-rilaxxi u sabiex jiġu evalwati l-livelli massimi ta' esponiment permezz tal-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti,

— il-livelli mistennija tal-kontaminazzjoni radjuattiva tal-oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu esportati lejn Stati Membri oħra affettwati,

— il-livelli massimi ta' esponiment korrispondenti: id-doża effettiva lill-adulti, lit-tfal u lit-trabi li jgħixu qrib l-impjant u fiż-żoni rilevanti ta' Stati Membri oħra affettwati, fejn jitqiesu l-mogħdijiet ta' esponiment sinifikanti kollha.

Jekk ma ġewx sottomessi diġà taħt l-intestatura 4.3:

— it-teħid ta' kampjuni, il-kejl u l-analiżi tar-rilaxxi, irrispettivament minn jekk jitwettqux mill-operatur jew mill-awtoritajiet kompetenti,

— il-karatteristiċi prinċipali tat-tagħmir ta' monitoraġġ,

— il-livelli ta' allarm, l-azzjonijiet ta' intervent (manwali u awtomatiċi).

7. IL-PJANIJIET TA' EMERĠENZA; IL-FTEHIMIET MA' STATI MEMBRI OĦRA

B'rabta mal-emerġenzi radjoloġiċi possibbli li jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra sabiex tkun iffaċilitata l-organizzazzjoni tal-protezzjoni radjoloġika f'dawn l-Istati:

Deskrizzjoni fil-qosor ta':

— il-livelli ta' intervent stabbiliti għat-tipi differenti ta' kontromiżuri,

— l-arranġamenti għall-ippjanar ta' emerġenza, inklużi ż-żoni ta' ppjanar ta' emerġenza adottati għall-installazzjoni,

— l-arranġamenti stabbiliti għall-iskambju bikri ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra, il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali dwar l-informazzjoni transkonfinali, il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll l-assistenza reċiproka,

— l-arranġamenti għall-ittestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza b'referenza partikolari għall-involviment ta' Stati Membri oħra.

8. IL-MONITORAĠĠ AMBJENTALI

Informazzjoni rilevanti b'rabta mal-modifikazzjoni